TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 198/16/F

**Carmelo Busuttil**

**vs**

**Sound Machine Co. Ltd.**

Illum 11 t'April, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija w erbgħin ewro (€140), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li kellu l-ħsara waqt il-garanzija u l-intimat ma riedx isewwih.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tlett darbiet ma dehritx għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* mingħand is-soċjeta' ntimata. Illi meta kellu l-ħsara u mar biex isewwih, is-soċjeta' ntimata talbitu mija w erbgħin ewro (€140) meta dan kien għadu bil-garanzija.

It-Tribunal, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mija w erbgħin ewro (€140), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888